**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju, 2017.**

**Talba Nru: 560/2016PA**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**MAP Trading Limited u Angelo Mule**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-22 ta' Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas ta' elf disa' mija u erbgħa u tletin Ewro u ċenteżmu (€1934.01) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanżija mibjugħa u debitament konsenjata mis-soċjeta' attriċi lill-intimati. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 386/14 (kopja ħawn annessa bħala Dok.'AMS002'), kif ukoll bl-imgħaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament u l-ispejjeż tal-kawża fl-istess ismijiet bin-numru 146/2015.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva tas-soċjeta' attriċi kontra l-konvenuti preżentata fil-5 ta' Marzu 2014; u (ii) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva oħra tal-istess soċjeta' attriċi lill-konvenuti preżentata fl-20 ta' Diċembru 2013.

Ra id-digriet ta' dan it-Tribunal mogħti fit-3 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu nnomina lil Dr. Yanika Bugeja bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-konvenuti f'din il-kawża.

Ra r-Risposta tal-kuratriċi preżentata fl-24 ta' Marzu 2017 li permezz tagħha ddikjarat li mhix edotta mill-fatti, li rriżervat li tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xiehda ta' Marvin Sapiano[1], *ċredit manager* tas-soċjeta' attriċi, li xehed li f'Ġunju u Lulju 2013 is-soċjeta' attriċi biegħet prodotti tal-ikel lis-soċjeta' konvenuta MAP Trading Limited, li tagħhom baqgħet ma tħallsitx sallum. Dwar ir-relazzjoni mal-konvenut Angelo Mule', Sapiano ddikjara li dan kien direttur tas-soċjeta' konvenuta, u ffirma li jagħmel tajjeb personalment għall-prezz ta' dawn il-fornituri. Huwa ppreżenta wkoll żewġ dokumenti konsistenti f'elenku mill-kotba tas-soċjeta' attriċi dwar il-fatturi mhxu imħallsa li dwarhom qed issir din il-kawża (Dok. 'MS1'), u *Credit Agreement* iffirmata minn ċertu Michele Mule, fil-kwalita' tiegħu ta' direttur, u bħala rappreżentant ta' MAP Limited (Dok.'MS2').

Ix-xhud ikkonferma li s-soċjeta' attriċi fadlilha tirċievi l-ammont mitlub b'din il-kawża mingħand il-konvenuti.

Ra li l-konvenuti la ssollevaw difiżi kontra t-talba attriċi, u lanqas pproduċewx provi.

Ikkunsidra li:

Jirriżulta pruvat, fuq bilanċ ta' probabilita', li s-soċjeta' attriċi biegħet fornituri lis-soċjeta' konvenuta MAP Trading Limited matul ix-xaħar ta' Ġunju 2013, li tagħhom baqgħet ma tħallsitx, bi kreditu favur tal-istess soċjeta' attriċi fis-somma mitluba b'din il-kawża.

[1] Fol. 37 sa 38

Kwantu għar-responsabbilita' solidali mas-soċjeta' konvenuta għal dan id-dejn tal-konvenut Angelo Mule, ċitat ukoll f'din il-kawża, it-Tribunal jinnota s-segwenti:

(i) Ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi ammetta li din kellha relazzjoni kummerċjali, u biegħet u kkonsenjat fornituri, lill-konvenuta MAP Trading Limited;

(ii) Is-soċjeta' attriċi tgħid li pproċediet ukoll kontra Angelo Mule' għaliex għamlet ftehim miegħu, bħala rappreżentant tas-soċjeta' debitriċi, li permezz tiegħu dan assuma responsabbilita' personali għad-dejn ta' kumpanija rappreżentata minnu;

(iii) Jirrizulta pero' mill-ftehim eżibit mix-xhud Marvin Sapiano bħala 'Dok.MS2' fl-atti proċesswali li dan il-ftehim kien iffirmat minn 'Michele Mule', f'isem is-soċjeta' konvenuta, u kien dan 'Michele Mule', b'karta tal-identita' estera, li ntrabat b'responsabbilta' personali għal dan id-dejn bis-saħħa tal-klawsola tnax (12) tal-istess ftehim;

(iv) Is-soċjeta' attriċi naqset li tipprova li l-konvenut Angelo Mule' huwa l-istess 'Michele Mule' li ffirma dak il-fteħim; kif naqset li tipprova d-data meta ġie ffirmat dak il-ftehim, u li kien japplika għad-dejn mertu ta' din il-kawża wkoll. Ix-xhud Sapiano ddikjara li ma kienx preżenti għall-firma ta' dan id-dokument.

Wara li qies dan kollu, it-Tribunal mhuwiex moralment konvint li, fuq bilanċ ta' probabilita', il-konvenut Angelo Mule' huwa debitur tas-soċjeta' attriċi għall-ammont mitlub b'din il-kawża.

Kwantu għall-imgħaxijiet mitluba bl-Avviż tat-Talba, in vista taż-żmien mogħti mis-soċjeta' attriċi għall-ħlas, kif jidher mill-ftehim 'Dok.MS2', ta' tletin (30) jum, u tenut kont li dan in-negozju kien ta' indoli kummerċjali, din it-talba tas-soċjeta' attriċi tista' tintlaqa' biss b'effett minn meta għalaq iż-żmien tal-ħlas skond l-elenku li ppreżentat is-soċjeta' attriċi, u ċioe t-tieni (2) jum ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Kwantu għall-ispejjeż mitluba bl-Avviż tat-Talba, is-soċjeta' attriċi naqset li tipprova li kien hemm kawża oħra bejn il-kontendenti, li l-ispejjeż tagħha għandhom jitħallsu mill-konvenuti, u għalhekk dik il-parti tat-talba ma tistax tintlaqa'.

Għaldaqstant, għar-ragunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' limitatament it-talba attriċi, u filwaqt li jillibera lill-konvenut Angelo Mule' mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju, jikkundanna lis-soċjeta' konvenut MAP Trading Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, disa' mija, erbgħa u tletin Ewro u ċenteżmu (€1934.01ċ), bl-imgħax legali mit-2 ta' Awissu 2013 sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, u l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali eżekuttivi bin-numri 386/2014 u 3032/2013 jitħallas mis-soċjeta' konvenuta, għajr għall-ispejjeż tal-konvenut Angelo Mule' li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**